**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 1074/2022 GM**

**Sacha Cassar (lD 25180M)**

**vs**

**1. MAPFRE Middelsea Plc (C5553) u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2023 l-isem "MAPFRE Middelsea Plc (C5553)" ġie jaqra "MAPFRE Middlesea p.l.c. (C5553)"**

**2. Marine Services Limited (C9181)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Sacha Cassar li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) seħħ inċident fuq il-baħar fejn missier il-mittenti, u cioe' Tarcisio Cassar, ħabat bil-jetski tiegħu ġol-jetski tal-mittenti tal-marka Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni S20113; (Dok A)

2. Fl-inċident ġew ikkawżati ħsarat gravi fin-naħa tax-xellug tal-jestski tal-mittenti, kif inhu indikat fir-rapport tal-Pulizija li sar; (Dok B)

3. Hu l-mittenti, Tarcisio Cassar, kien kopert minn polza tal-assigurazzjoni 'fully comprehensive' maħruġa mis-soċjeta' intimata Mapfre Middlesea PIC, ossia l-polza bir-referenza P92003620, u għaldaqstant fetaħ claim sabiex il-mittenti jiġi idenizzat mill-ħsarat sofferti;

4. II-mittenti kemm-il darba ġab għall-għarfien tas-soċjeta' intimata assiguratriċi li t-tip ta' ħsarat kienu diffiċilment reparabbli u mhux ta' idejn I-esperti ordinarji li ssib f'Malta, minkejja dan I-intimata soċjeta' xorta waħda ddeċidiet illi twettaq it-tiswijiet billi inkarigat lis-soċjeta' Marine Services Ltd (C9181) biex jagħmlu tali xogħol u jgħaqqdu I-istess jetski bil-fiber glass, kif ukoll offrew is-somma ta' elf ewro bħala kumpens, liema offerta ġiet rifjutata mill-mittenti;

5. Kif kien previst mill-mittenti, wara li l-ħsarat "isewwew", l-istess difetti reġgħu feġġew, u ossia qsim fin-naħa tax-xellug tal-jetski, liema ħsarat setgħu pperikolaw il-ħajja tal-mittenti peress li dan ġara f'nofs ta' baħar waqt illi kien qiegħed jiġi użat l-istess jetski;

6. Id-difett fir-reparazzjoni ġie mgħarraf lis-soċjeta' assiguratriċi fil-21 ta' Novembru, 2017, liema bgħatet r-risposta tagħha fit-23 ta' Novembru, 2017; Dok C

7. Kif kien diġa ddiskuta l-mittenti mas-soċjeta' assiguratriċi, dawn it-tip ta' ħsarat jeħtieġu esperti b'ħiliet speċifiċi li f'Malta m'hawnx;

8. Għalhekk is-soċjeta' assiguratriċi kellha semmai tissostitwixxi l-jetski jew tipprovdi somma li tirrifletti l-valur tiegħu lill-mittenti, u mhux li takkorda tiswijiet li apparti li rendew il-jetski inoperabbli setgħu kkawżaw inċident li jkorru lill-mittenti serjament;

9. Waqt diskussjonijiet ta' bejn Novembru 2017 u Novembru 2018 is-soċjeta' assiguratriċi reġgħet talbet l-istess soċjeta' Marine Services Ltd sabiex isiru iktar tiswijiet fuq l-istess jetski;

10. Sa Jannar 2018 u 2019, il-mittenti kien għadu f'kuntatt sija mal-Middle Sea Insurance u sija ma Marine Services Ltd;

11. Peress li s-soċjeta' assiguratriċi baqgħet inadempjenti, l-mittenti interpella lill-istess soċjeta' permezz tal-lttra Uffiċjali 638/2022 tas-16 ta' Frar, 2022; Dok D

12. L-istess soċjeta’ bagħtet l-Ittra Uffiċjali 1393/2022 u saħqet illi l-azzjoni hija preskritta billi l-inċident seħħ fl-2015 u li għaldaqstant tiddifida l-mittenti milli jieħu passi ulterjuri; Dok E

13. Fir-rigward tal-punt preċedenti jidher illi s-soċjeta’ assiguratriċi rrispondiet b'referenza għall-inċident tal-2015, u mhux għat-talba inkwistjoni, u ossia dik rigward il-ħsara wara r-riparazzjonijiet b'konsegwenza ta' xogħol li ma sarx skont is-sena u l-arti, ħsarat li ħarġu u ġew a konoxxenza tal-mittenti u kkomunikati lill-assiguratur f'Novembru tal-2017 u mhux fil-2015;

14. Għaldaqstant l-azzjoni odjerna mhux preskritta;

15. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-mittenti jżomm responsabbli wkoll lis-soċjeta’ Marine Services Ltd (C 9181) għar-riparazzjonijiet li saru, ossia għax-xogħol li ma sarx skont is-sena u l-arti;

16. Is-soċjeta’ assiguratriċi naqset milli twettaq it-tiswijiet għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti jew toffri indennizz għad-dannu soffert minnu u dan minkejja li ġiet kemm-il darba interpellata;

17. Għaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawża;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ħsarat konsegwenzali fuq il-jetski proprjeta’ tar-rikorrenti;

2. Tillikwida, occorendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrenti reppreżentanti l-ħsarat fl-istess jetski;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu is-somma hekk likwidata.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Marine Services Limited (C-9181) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1 Fl-ewwel lok u preliminarjament is-soċjeta’ esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur u dan peress li hi m'għandhiex relazzjoni kuntrattwali mal-attriċi iżda ma’ Mapfre Middlesea plc li kienet inkarigat lis-soċjeta’ esponenti tagħmel xi xogħlijiet;

2. Fit-tieni lok u prelminiarjament mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni tal-attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3 Fit-tielet lok u fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ebda danni ma huma dovuti mis-soċjeta' esponenti billi x-xogħol esegwit minnha sar sewwa u skont l-arti u s-sengħa;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. (C5553) li permezz tagħha eċċepiet illi :

Eċċezzjonijiet

1. Preliminarjament, u ai fini ta' kjarifika, isem is-soċjeta' esponenti huwa MAPFRE Middlesea p.l.c. u mhux kif indikat MAPFRE Middelsea Plc;

2. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti MAPFRE Middlesea p.l.c. m'hijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dana in vista illi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur; llli l-jetski tar-rikorrent Sacha Cassar ma kienx assikurat mal-eċċipjenti; illi l-attur m'għandux dritt ta' azzjoni diretta fil-konfront tal-eċċipjenti u li se mai kellu kwistjonijiet x'jindirizza, tali azzjoni l-attur kellu jeħodha kontra l-assikurat tal-eċċipjenti;

3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din il-kawża tirrisali għal inċident marittimu illi seħħ fit-23 ta' Awwissu 2015, u tiswijiet illi saru fis-sena 2016, u t-talbiet tal-attur kif dedotti, bħala talbiet għad-danni, huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; illi jekk se mai din il-Qorti tkun tal-fehma illi din il-kawża m'hijiex waħda ta' culpo aquiliana iżda waħda msejsa abbażi ta' kuntratt, fehma li l-eċċipjenti umilment ma tikkondividix, l-azzjoni odjerna xorta waħda hija preskritta bit-trapass ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156 (f) Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. In linea sussidjarja u assolutament mingħajr preġudizzju għal fuq premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, u dana stante illi l-inċident in kwistioni ma seħħx b'xi tort jew b'xi nuqqas tal-esponenti u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Inoltre, mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-attur għandu fi kwalunkwe każ iressaq l-aħjar prova dwar id-danni effettivi u attwali minnu allegati u reklamati, liema danni ma jeċċedux il-ħmistax-il elf (ewro) u kwindi huma ta' kompetenza ta' Qorti inferjuri minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Salv kull eċċezzjoni oħra permissibbli skont il-liġi;

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tinstab differita għallum dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, li huma:

(1) Il-konvenuti mhumiex leġittimi kontradittururi.

(2) Il-preskrizzjoni ex-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili fil-każ ta' Marine Services Limited; ex-Art. 2153 jew 2156(f) fil-każ ta' Mapfre Middlesea p.l.c.

Għalkemm huwa minnu li Marine Services Limited m'għandhiex – jew aħjar ma kellhiex - relazzjoni kuntrattwali mal-attur, imma biss mal-konvenuta l-oħra Mapfre Middlesea p.l.c., ma jfissirx li mhix leġittimu kontradittur. It-talbiet tal-attur huma bbażati fuq xogħol ħażin li jallega li sar mill-istess Marine Services Limited fuq jet-ski proprjeta` tiegħu u għalhekk anke jekk ma qabbadhiex hu, jista' jkun hemm responsabilita` għal danni *ex delicto*. Barra minn hekk, il-preżenza tagħha fil-kawża tista' tkun meħtieġa għaliex hija ċertament parti interessata għaliex ġiet imqabbda biex tagħmel ix-xogħol mill-konvenuta l-oħra.

Mapfre` wkoll ma tistax tgħid li m'għandhiex relazzjoni ġuridika mal-attur, billi ħadet ħsieb it-tiswija tal-jet-ski tiegħu.

Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.

Il-Qorti mhix sejra tiddeċiedi jekk humiex applikabbli l-Art. 2153 u/jew Art. 2156(f). Dan għaliex, kif sejjer jiġi spjegat, il-konvenuti ma ssodisfawx il-vot tal-liġi wara li għamlu l-istess eċċezzjonijiet u għalhekk il-Qorti ma tistax taċċettahom.

Dawn l-eċċezzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn ġurament, li sa ftit tas-snin ilu kien jitqies bħala wieħed deċiżorju, hekk kif ikkontemplat fl-Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

L-artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kien jifforma parti mill-Kodiċi kif oriġinarjament ippromulgat, u baqa' bla mittiefes għal 150 sena, sakemm fis-sena 2017 f'temp ta' xahar sofra bdil kardinali permezz ta' emenda u emenda għall-emenda. Xhieda ta' leġislazzjoni mgħaġġla mgħoddija għal kontinġenzi partikolari li fis kellha tiġi mibdula mill-ġdid u li iżda xorta waħda kkanċellat l-istitut venerabbli tal-ġurament deċiżjorju. Fl-istat verġni tiegħu l-artiklu msemmi kien jgħid li l-preskrizzjonijiet qosra msemmija fl-istess artiklu "m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux **li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa**". Meta l-konvenuti jkunu l-werrieta tal-pretiż debitur, inkella b'mod ieħor ikollhom il-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħandu l-istess preskrizzjonijiet "ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata";

L-artiklu msemmi ġie emendat fl-ewwel lok bl-Att I tal-2017 u mbagħad għat-tieni darba bl-Att VIII tal-2017 u fil-preżent jaqra hekk:

> (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 21 7, 21 8, 21 9, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom ma jistqarrux **li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa**.

Il-formola tvarja fil-każ ta' werrieta tad-debitur u debiti mal-Gvern – li mhuwiex il-każ hawnhekk.

Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jagħti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur.

Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq inghad, din il-formola ta' ġurament xorta baqgħet sagramentali, u kull devjazzjoni minnha ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet.

F'dan ir-rigward ġie affermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Tabib Principali tal-Gvern v. Georgina Muscat** tat-8 ta' Marzu 1978:

> "Il-formula tal-ġurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqgħod jitlob spjegazzjonijiet oħra lill-konvenut, bħal per eżempju il-kawża ta' l-estinzjoni, imma għandu joqgħod strettament għall-formula tal-ġurament, li għal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi waħda jew l-oħra mit-tnejn speċifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1) Kodici Civili".

Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Iżda huwa minnu ukoll, li fil-liġi kif inhi llum, il-formula baqgħet hemm, kif kienet qabel.

Marine Services Limited eċċepiet, fir-rikors maħluf (u għalhekk stqarret bil-ġurament) li m'għandhiex relazzjoni kuntrattwali mal-attur, li l-azzjoni hi preskritta, li esegwiet ix-xogħol skont is-sengha u l-arti. Mapfre Middlesea plc eċċepiet li mhix leġitimu kontradittur, li l-azzjoni hi preskritta, li l-inċident in kwistjoni ma seħħx tort tagħha, u li l-attur għandu jġib prova tad-danni. Xehdu wkoll Doriana Mamo ta' Mapfre`u Paul Ebejer ta' Marine li ebda wieħed minnhom ma xehed li mhumiex debituri. Għalhekk, il-konvenuti ma ssodisfawx il-vot tal-liġi skont Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-konvinċiment, li l-konvenuti ma rnexxilhomx isostnu l-eċċezzjoni ai termini tal-artikli 2153 u 2156 (f) tal-Kodici Civili skont kif trid il-ligi.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha:

(1) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' Marine Services Limited u t-tieni eċċezzjoni ta' Mapfre Middlesea p.l.c.

(2) tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Marine Services Limited.

(3) tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' Mapfre Middlesea p.l.c.

Spejjez riservati għas-sentenza finali.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA